**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 30 ta` Ottubru 2018**

**Kawza Nru. 1**
**Rik. Gur. Nru. 1131/2016 JZM**

**Magri Carmel sive` Carmelo I.D. No. 0487859M u ghal kull interess li jista` jkollha martu Magri Rita I.D. No. 377462M**

***kontra***

**Magri Peter I.D. No. 458857M u ghal kull interess li jista` jkollha martu Magri Mary,**

**Miriam Sciberras I.D. No. 745960M, u ghal kull interess li jista` jkollu zewgha Innocenz Sciberras,**

**Angelo Magri I.D. No. 1264563M, u ghal kull interess li jista` jkollha martu Jane Magri I.D. No. 0381761M**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors guramentat prezentat fil-<u>15 ta` Dicembru 2016</u> li jaqra :-

## *I. <u>PREMESSI</u>*

*1. Premess illi r-Rikorrenti Attur MAGRI CARMEL: ID NO. 0487859M ghandu b`kollox tlett ahwa ohra, u cioe`MAGRI PETER: ID NO. 458857M, SCIBERRAS MIRIAM: ID NO. 745960M, u MAGRI ANGELO: ID NO. 164563M, li lkoll ghadhom hajjin u kollha wild il-Genituri GIORGIO MAGRI: ID No. 0619825M u MARIA MAGRI: ID No. 0759634M, liema geniture llum it-tnejn huma mejtin.*

*2. Premess illi GIORGIO MAGRI: ID No. 0619825M miet fl-eta` ta` 86 sena fl-isptar Mater Dei, nhar il-Hadd, 22 ta` Jannar, 2012, skont Certifikat Ufficjali tal-Mewt li jgib in-Numru tal-Iskrizzjoni 471/14.02.2012: vide* ***Dokument RM 1.***

*3. Premess illi MARIA MAGRI: ID No. 0759634M mietet fl-eta` ta` 81 sena fl-isptar Karen Grech, nhar it-Tlieta, 16 ta` Frar, 2016, skont Certifikat Ufficjali tal-Mewt li jgib in-Numru tal-Iskrizzjoni 731/14.03.2016: vide* ***Dokument RM 2.***

*4. Premess illi mir-Ricerki illi saru jirrizulta li kwantu ghal Ricerki ta` missier ir-Rikorrenti Attur Giorgio Magri li miet ta` sitta u tmenin sena f` Mater Dei nhar il-Hadd, 22 ta` Jannar, 2012, numru tal- Karta tal-Identita` 0619825M, jirrizulta mir-Ricerki maghmulin minn Nutar Dr Mario Bugeja, illi dawn ikopru s-sena elf, disa` mija u disgha u tletin (1939) sa ovvjament il-perjodu li miet Giorgio Magri fis-sena 2012, u jirrizulta li Giorgio Magri ma ghamel ebda Testment sigriet u li jinsab depozitat fir-Registri tal-Qrati Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja) u kwindi m` hemm ebda preokkupazzjoni dwar xi Testment Sigriet li b`xi mod sfugga lil xi hadd.*

*5. Illi fir-rigward tar-Ricerki ta` Testmenti fl-Indicijiet tan-Noti tal-Insinwa mizmuma fir-Registru Pubbliku ta` Malta inkluz dawk tar-Registru*

*Pubbliku ta` Ghawdex, Giorgio Magri bejn l-1 ta` Jannar tas-sena 1939 u t-2 ta` Marzu tas-sena 2012, iz-zewg dati inkluzi, instabu diversi Testmenti u cioe` (a) 2357/1984, (b) 6942/1986, (c) 8372/1992, (d) 8381/1992, (e)1505/2002, (f) 11430/2003, (g) 6546/2008, u (h) 10940/2009 : b`kollox tmien Testmenti bejn is-sena 1984 u s-sena 2009.*

*6. Premess illi minn ezami ta` dawn it-Testmenti kollha anka jekk hemm xi dubju jekk uhud minnhom humiex konformi mal-Ligi jew le, il-maggior parti ta` dawn it-Testmenti saru Unica Charta bejn Giorgio Magri u martu Maria Magri.*

*7. Premess illi minn ezami ta` dawn it-Testmenti minn imkien ma jirrizulta li b`xi mod giet ittrattata l-kwistjoni tas-Servigi u cioe` s-servizz illi f`dan il-kaz uhud mit-tfal setghu taw lill-genituri taghhom u kwindi huwa ghal din ir-raguni li r-Rikorrenti Carmel Magri flimkien ma` martu Rita Magri ghal kwalsiasi interess li jista` jkollha, qeghdin jintavolaw il-Kawza odjerna biex din il-Qorti tkun tista` tillikwida s-Servigi dovuti ghall-objettiv tal-provi li jressqu r-Rikorrenti Atturi.*

*8. Premess illi saru ricerki indipendenti mill-istess Nutar Dr Mario Bugeja fir-rigward ta` Maria Magri, armla ta` Giorgio Magri, u minn fejn jirrizulta li mis-sena 1948 sa Frar tas-sena 2016 ma kien hemm ebda Testment Sigriet depozitat fir-Registri tal-Qrati Civili : (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja). Dan fir-rigward ta` Maria Magri li mietet fis- 16 ta` Frar, tas-sena 2016, fl-ghomor ta` wiehed u tmenin sena.*

*9. Illi kwantu ghal Ricerki ta` Testmenti Pubblici, jirrizulta li fil-perjodu bejn l-1 ta` Jannar tas-sena 2009 u l-21 ta` Marzu tas-sena 2016, it-tnejn inkluzi, Maria Magri kienet involuta mhux anqas minn disa` Testmenti bejn is-sena 1992 u s-sena 2014 u cioe` t-Testmenti (i) 8372/1992, (ii) 8381/1992, (iii) 1505/2002, (iv) 11430/2003, (v) 6546/2008, (vi) 10940/2009, (vii) 17768/2012, (viii) 6538/2013, u (ix) 12689/2014, b`kollox disa` Testmenti waqt illi Giorgio Magri ghamel tmienja u fir-rigward ta` Giorgio Magri Testment illi sar fl-1984 u iehor fl-1986 ma hemm ebda referenza fir-ricerki ta` Maria Magri waqt illi Maria Magri da parti taghha hemm tliet Testmenti fis-sena 2012, 2013 u 2014 li ma humiex fil-lista ta` Giorgio Magri, u dan strettament minghajr pregudizzju ghal xi kwistjonijiet jekk uhud mit-Testmenti humiex validi jew le.*

*10. Premess illi hemm diversi Kawzi bejn il-partijiet ghaddejin fil-Qrati tal-Gustizzja Maltin, u ghaldaqstant il-punt li qed jigi sottolinejat fil-Premessa precedenti jista` jiddahhal jew ikun fil-mertu ta` Kawzi ohra relatati imma certament ma ghandux x` jaqsam mal-Kawza odjerna relatata biss mas-Servigi.*

*11. Premess illi jirrizulta car illi minn dawn it-Testmenti kollha ndikati, l-ebda wiehed minnhom ma b `xi mod jiffoka jew jitkellem jew jindika jew ifisser jew jillikwida Servigi li setghu gew maghmula minn uhud mit-tfal, u fil-Kawza odjerna r-Rikorrenti Attur Carmel Magri : Id number 0487859M u l-mara tieghu ghal kull interess li jista` jkollha kellhom jaghmlu din il-Kawza odjerna biex proprju jigu likwidati s-servizzi li taw ir-Rikorrenti Atturi a bazi tal-provi u d-dikjarazzjonijiet taghhom, anka kif riflessi fiz-zewg Affidavits li huma ghamlu.*

*12. Premess illi ghaldaqstant jirrizulta li bir-Ricerki li saru fir-rigward ta` Giorgio Magri u Maria Magri, il-genituri tar-Rikorrenti Attur, Testmenti i gew indikati fil-Premessi precedenti, u minn fejn jirrizulta li saru diversi Testmenti, biss mill-ebda wiehed minn dawn it-Testmenti ma b`xi mod jaghmlu indikazzjoni ghal xi forma ta` kumpens bhala Servigi li xi hadd mill-eredi universali jew il-prelegatarji jew il- legatarji tat-Testaturi Giorgio u Maria Magri setghu rcevew minn xi hadd minn uliedhom per ezempju, u allura il-mertu ta` din il-Kawza relatata mas-Servigi dovuti lir-Rikorrenti Atturi konjugi Magri ossija Carmel sive Carmelo Magri u martu Rita, qeghda tigi sottomessa l-Kawza odjerna biex ikunu jistghu jigu llikwidati s-Servigi dovuti lil Carmelo Magri r-Rikorrenti Attur u ghal kull interess li jista` jkollha martu Rita Magri kif minn hawn qed jirrizulta.*

*13. Premess illi sejjer jirrizulta manifestament illi r-Rikorrenti Atturi odjerni, u hawn issir referenza ghall-Affidavits maghmulin mill-istess Rikorrenti Atturi f`zewg okkazjonijiet separati, wettqu diversi servizzi lill-defunti genituri ta` Carmelo Magri ossija Giorgio u Maria Magri, liema zewg Affidavits li hawn qeghdin jigu mehmuza w esebiti, flimkien ma` provi ohra li bi hsiebhom iressqu r-Rikorrenti Atturi odjerni, ghandhom iwasslu biex din il-wisq Onorabbli Qorti tkun tista` tillikwida a bazi ta` dak li jkun ingab a konjizzjoni taghha permezz ta` provi, tkun tista` tillikwida s-Servigi dovuti lir-Rikorrenti Atturi fejn anka l-wisq Onorabbli Qorti ser tinghata hjiel tal-mod kif skont ir-Rikorrenti Atturi gew ikkalkolati s-Servigi i huma qed jippretendu ghas-Servizzi rezi lill-genituri ta` Carmelo Magri partikolarment lil Giorgio Magri sakemm dan miet fis-sena 2012 tal-eta` ta` sitta u tmenin sena.*

*14. Premess illi r-Rikorrenti Atturi jirreferu ghall-Affidavit dettaljat li fih tmien faccati u li gie mahluf minn Carmel sive Carmelo Magri : Id number 0487859M u martu Rita Magri : Id number 377462M nhar it-3 ta` Awwissu, 2016 quddiem id-Deputat Registratur fir-Registru ewlieni tal-Qrati tal-Gustizzja tar-Repubblika ta` Malta u li a bazi ta` dik l-Istqarrija Guramentata, ir-Rikorrenti Atturi fissru t-tip ta` Servigi li huma rrendew lill-genituri ta` Carmel Magri sakemm dawn kienu ghadhom ovvjament hajjin u jghixu taht l-istess saqaf, billi wara li miet il-missier tal-ahwa Magri, ommhom Maria Magri marret tirresjedi ma` bintha Miriam Sciberras mart Innocenz u dan jitfa` dawl fuq it-Testment li ghamlet Maria Magri : Id number 759634M nhar it-tnejn (2) ta` Lulju, tas-sena elfejn u erbatax (2014), Testment li gie insinwat nhar l-14 ta` Lulju, 2014, bin-Numru tal-Insinwa 12689/14, Testment numru 000024, in Atti Nutar Dr Jean Carl Debono. In-Numru Referenzjali ta` dan id-Dokument tal-Istqarrija tat-3 ta` Awwissu, 2016, qed jigi ndikat bhala* ***Dokument RM3****.*

*15. Premess illi ssir referenza ghall-Premessa numru 14 u cioe` ghall-Affidavit jew Stqarrija Guramentata maghmula mir- Rikorrenti Atturi Konjugi Magri, Carmel Magri li jgib in-numru tal-Karta tal-Identita` 0487859M u ghal kull interess li jista` jkollha martu Rita Magri : Id number 377462M, liema Affidavit inhalef mill- Konjugi Magri fit-3 ta` Awwissu, 2016, fih tmien faccati u jfisser il-pretenzjonijiet tar-Rikorrenti Atturi dwar Servigi li gew provduti mir-Rikorrenti Atturi fir- rigward ta` missier ir-Rikorrenti Attur u anka in parte fir-rigward ta` omm ir-Rikorrenti Attur ossija Maria Magri li kellha n-numru tal-Karta tal-Identita` 0759634M u li mietet fl-eta` ta` 81 sena nhar it-Tlieta, 16 ta` Frar, 2016.*

*16. Premess illi r-Rikorrenti Atturi jirreferu ghal Stqarrija Guramentata ohra li huma ghamlu nhar il-31 ta` Awwissu, 2016, fiha hames faccati u din telabora dwar dettalji relatati mas-Servigi li r-Rikorrenti Atturi qed jiddikjaraw bil-gurament li huma wettqu. Illi sia l-Istqarrija Guramentata tat-3 ta` Awwissu, tas-sena 2016, kif ukoll dik tal- 31 ta` Awwissu, 2016 qeghdin jigu mehmuza bhala Dokumenti fir-Raba` Taqsima ta` din il-Kawza, Elenku ta` Dokumenti, skont il- Prefiss tad-Dokument li jigi ndikat fir-Raba` Taqsima tal-istess Kawza : Vide Dokument RM4.*

*17. Premess illi ghall-finijiet ta` kwalsiasi possibilita` li ma huwiex il-kaz ta` preskrizzjoni, ir-Rikorrenti Atturi nhar it-22 ta` Gunju, 2016 permezz tar-*

*Rikorrenti Attur Carmel Magri : Id number 0487859M kienu ntavolaw fir-Registru ta` din il-Qorti Ittra Ufficjali li ggib id-data ta` nhar l- Erbgha, 22 ta` Gunju, 2016 u fejn Peter Magri u martu Mary Magri kienu gew notifikati fit-23 ta` Gunju, 2016, Miriam Sciberras kienet giet notifikata fit-23 ta` Gunju tas-sena 2016, u Angelo Magri kien gie wkoll notifikat fit-23 ta` Gunju, 2016, f` idejn il-mara tieghu Jane Magri. Illi kopja ta` din l-Ittra Ufficjali ta` nhar l-Erbgha, 22 ta` Gunju, 2016, bir-Riferti posittivi b`kollox qeghda tigi hawn ukoll esebita mal-Elenku ta` Dokumenti a bazi tal-Prefiss illi jinghata fir-Raba` Taqsima ta` din il-Kawza : Vide Dokument RM5.*

*18. Premess illi ssir referenza ghall-Kawza quddiem l-Onorevoli Imhallef Jacqueline Padovani Grima, Rikors Guramentat 1201/2015, fl-ismijiet "Magri Mario et –vs- Magri Carmelo et" liema Kawza hija differita ghal Informazzjoni Ulterjuri quddiem l-istess Qorti kif ippresjeduta kif ukoll Procedura Kontenzjuza ohra ppresjeduta mill-Onorevoli Imhallef Miriam Hayman, Rikors Guramentat 811/2014, fl-ismijiet "Magri Carmelo et –vs- Magri Peter et", liema Kawza hija differita ghas-7 ta` Dicembru, 2016, biex effettivament il-Qorti tkun aggornata f`certu decizjonijiet li kellhom jittiehdu.*

*19. Premess illi jrid jigi mfisser illi kemm ir-Rikors Guramentat numru 1201/2015 hawn fuq indikat u 811/2014 hawn fuq ukoll indikat, dawn iz-zewg Kawzi ma ghandhom x` jaqsmu xejn mat-Talbiet tal-Kawza odjerna ghas-Servigi li r-Rikorrenti Atturi qed isostnu li huma ghamlu u wettqu u jridu jigu kkumpensati ghas-Servigi li ghamlu mal-kompjanti genituri taghhom u kif ukoll tal-Intimati Konvenuti hawn indikati.*

*20. Premess illi r-Rikorrenti Attur ghandu fil-pussess tieghu kopja awtentika tad-Dokumenti relatati mad-diversi drabi li mar l- isptar minhabba l-kundizzjoni ta` missieru George Magri : Id number 619825M u li kien joqghod f`numru 16, St. Rita, St. Mary Square gewwa l-Qrendi u li a bazi ta` din id-Dokumentazzjoni, ir-Rikorrenti Atturi hadmu dak li jidhrilhom huwa gust li huma jigu kkumpensati bhala Servigi, mertu tal-Kawza odjerna. Illi dan id-Dokument importanti li fih diversi Dokumenti li jmorru approssimament ghal kwazi tmenin faccata ma huwiex sejjer jigi esebit mal-Elenku ta` Dokumenti biex tigi evitata l- voluminozita` ta` din il-Procedura Partikolari imma flimkien maz-zewg Kawzi ndikati aktar `il fuq, ir-Rikorrenti Atturi jkunu disposti li jindikaw lil Qorti dan id-Dokument relatat maz-Zjarat lil missier ir-Rikorrenti Attur mill-istess Rikorrenti Atturi flimkien maz-zewg Kawzi pendenti ndikati, dawn ikunu jistghu jigu esebiti, murija, imfissra lil din il- Qorti dejjem fir-rilevanza tal-*

*pretenzjonijiet tar-Rikorrenti Atturi dwar is-Servigi u naturalment fl-inkwadratura tar-Risposti Guramentati li huwa mistenni li jaghmlu l- Intimati Konvenuti f`din il-Kawza.*

*21. Premess illi l-genituri tar-Rikorrenti Atturi ossija George Magri : Id number 619825M u martu Maria Magri : Id number 759634M bejniethom, unica charta, ghamlu diversi testmenti anka kif diga` gie accennat. Pero` ghall-ekonomija tal- voluminozita`, f`dan l-istadju sejjer jigi ndikat id- dati ta` dawn it-Testmenti billi r-Rikorrenti Atturi jridu jaghmluha cara li dawn it-testmenti bl-ebda mod ma hadu in konsiderazzjoni s-Servigi li r-Rikorrenti Atturi wettqu fir-rigward tal-genituri tar-Rikorrenti Attur, u dan apparti mill- fatt illi r-Rikorrenti Attur kellu prokura maghmula favur tieghu minn missieru u din saret fl-Atti tan-Nutar Joseph Debono fid-data tas-17 ta` Settembru, tas-sena 2007, u dan kif jikkonferma bil-gurament l-istess Sur Carmelo Magri meta jkun qieghed jiddeponi quddiem l-Onorabbli Qorti jew xi Assistent Gudizzjarju jew Perit Legali fil-mori ta` din il-Kawza.*

*22. Premess illi l-ewwel Testment li qed jigi ndikat huwa dak tat-22 ta` Jannar, tas-sena 2002, in Atti Nutar Dr Mario Bugeja u fejn wara li l-genituri tar-Rikorrenti Attur innominaw u istitwew lilhom infushom eredi universali u padruni fejn il-genituri tar-Rikorrenti hallew lil xulxin reciprokament b`titolu ta` legat u cioe` l-premorjent qed ihalli titolu ta` legat lis-superstiti fosthom l-uzufrutt u tgawdija tal-beni kollha tieghu. Dan insibuh fit-tieni artikolu tat-Testment tat-22 ta` Jannar tas-sena 2002, u li allura jenfasizza l-punt illi fl-ebda mument ma l-genituri tar-Rikorrenti Attur ma allokaw xi somma jew ammont dovut ghal xi Servigi li setghu irrendulhom xi hadd minn uliedhom, naturalment fosthom ir-Rikorrenti Attur, u ghal kull interess li jista` jkollha l-mara tar-Rikorrenti Attur.*

*23. Premess illi wara t-Testment tat-22 ta` Jannar, tas-sena 2002, jirrizulta Testment iehor li kien sar sitt snin wara, fil-21 ta` April, tas-sena 2008, ukoll bejn George Magri : Id number 619825M u martu Maria Magri : Id number 759634M u dan in Atti Nutar Dr Mario Bugeja, fejn liema Testment kien estensjoni mat-Testment tat-22 ta` Jannar, tas-sena 2002 (22.01.2002) u ghalhekk ma sar ebda Testment gdid ghajr illi l-genituri tar-Rikorrenti Attur komplew izidu mat-Testment tat-22 ta` Jannar, 2002, u ghamlu xi bidliet li jirrelataw ghal Titoli ta` Legati lil uliedhom, u fejn iddikjaraw `li jekk xi hadd mill-werrieta u legatarji taghhom jikkontesta b`xi mod dan it-Testment (21 ta` April, 2008) jew it-Testmenti precedenti bhal dak tat-tnejn u ghoxrin ta` Jannar, elfejn u tnejn*

*(22.01.2002) allura tali persuna li jikkontesta kellu jew kellha tiehu jew jiehu l-anqas li takkordalu jew takkordalha l- ligi.`*

*24. Premess illi ssir referenza ghat-tielet Testment li jgib id-data tas-7 ta` Lulju, tas-sena 2009, din id-darba in Atti Nutar Dr. Sandra Bugeja u fejn il-genituri tar-Rikorrenti Attur ma rrevokaw l- ebda wiehed miz-zewg Testmenti precedenti imma uzaw dan it-Testment biex jaghmlu estensjoni jew kjarifikazzjoni fuq iz-zewg Testmenti precedenti, imma fejn hemm artikolu partikolari, it-tieni artikolu, fejn il-genituri tar-Rikorrenti qeghdin jiddikjaraw illi huma kienu sellfu s-somma ta` tlieta w ghoxrin elf, mitejn u disgha u tletin Ewro u tlieta u sebghin centezmu (€23,239.73) lir-Rikorrenti Attur odjern. Premess illi dan qieghed jinghad billi r-Rikorrenti Attur dan is-self kien onorah u radd lura l-ammont li gie lilu misluf, anka kif jigi mfisser fil-mori tal-Kawza u fejn issir referenza ghaz-zewg Affidavits li ghamlu r-Rikorrenti Atturi, mehmuzin bhala Dokument ma` din il-Kawza odjerna, imma li bl-ebda mod ma ghandu jigi nterpretat li dan b`xi mod jammonta ghal xi Servigi, u fejn hemm anka referenza illi oht ir-Rikorrenti Attur Miriam illum Sciberras kellha thallas lura is-somma ta` sebat elef, seba` mija w erbgha u sittin Ewro u disgha u hamsin centezmu (€7,764.59), liema ammont effettivament m`huwiex dovut billi dan gie ritornat lura kif jigi mfisser anka fil-mori ta` din il-Kawza, apparti mill- fatt li huwa l-mertu ta` Kawza appozita li ntavolat Miriam Sciberras fil-konfront tar-Rikorrenti Atturi u li tinsab quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippresjedut mill-Magistrat Dr Consuelo - Pilar Scerri Herrera, Avviz Numru 116/2016 - CSH, fl-ismijiet "Sciberras Miriam –vs- Magri Carmelo" : liema Kawza hija differita quddiem il-Qorti tal-Magistrati kif ippresjedut ghall-14 ta` Dicembru, 2016 fil-hdax neqsin kwart ta` filghodu, ghall-Kontro Ezami tal-Attrici mill-Intimati Konvenuti odjerni.*

*25. Premess illi ghalhekk huwa evidenti illi qatt ma kien hemm bl-ebda mod, direttament u ndirettament, xi forma ta` ammonti li nghataw lir-Rikorrenti Atturi bhala kumpens ghas-Servigi li huma rrendew lill-genituri tar-Rikorrenti Attur, partikolarment lil missieru.*

*26. Premess illi ssir referenza ghar-raba` Testment tat-2 ta` Lulju, 2014, din id-darba quddiem in-Nutar Jean Carl Debono u dan meta omm ir-Rikorrenti Attur kienet lahqet saret armla u kwindi ghaldaqstant l-ewwel tliet Testmenti li ghadhom kif gew indikati li kienu frott ta` koordinament bejn il-genituri tar-Rikorrenti Attur, din id-darba ghandna lil omm ir-Rikorrenti Attur illi minghajr pregudizzju ghal dak li timplika l-ligi hija ghamlet dan it-Testment ulterjuri li*

*mill- kontenut tieghu jirrizulta car illi ma saret ebda referenza ghal xi kumpens ta` Servigi li l-istess omm ir-Rikorrenti kienet halliet lir-Rikorrenti Attur u lil martu, allura lir-Rikorrenti Atturi ta` kemm dawn per ezempju kienu daru b` missier ir-Rikorrenti Attur.*

*27. Premess dan kollu jirrizulta car illi mill-erba` Testmenti indikati mill-ebda wiehed minnhom ma tista` tigi xi forma ta` konkluzjoni li dawn b`xi mod ikkontemplaw il-kwistjoni tal-kumpens bhala Servigi u kwindi kemm mill-Premessi ndikati kif ukoll mill-Kawzi li hemm pendenti quddiem il-Qrati tal-Gustizzja taghna jirrizulta manifestament illi din il-Kawza dwar Servigi li r-Rikorrenti Atturi qed jippretendu ta` kemm daru bil-genituri tar-Rikorrenti Attur, hija Kawza li bl- ebda mod ma timpingi la fuq il-mertu ta` Kawzi ohra li hemm pendenti u li lanqas ma gew b`ebda mod inkluzi fl-erba` Testmenti li gew citati.*

*28. Premess dan kollu ghaldaqstant ir-Rikorrenti Atturi jaghmlu referenza ghaz-zewg Stqarrijiet Guramentati li huma ghamlu fit- 3 ta` Awwissu, 2016 u fil-31 ta` Awwissu, 2016, liema zewg Affidavits huma hawn mehmuzin fir-Raba` Taqsima ta` din il-Kawza, u cioe` l-Elenku ta` Dokumenti.*

*29. Premess dan kollu jghidu l-Konvenuti Intimati kollha jew min min minnhom ghala din il-wisq Onorabbli Qorti Prim`Awla tal-Qorti Civili ma ghandhiex tidderiegi, tillikwida, tiddikjara u tordna illi :-*

***<u>TALBIET TAR-RIKORRENTI ATTURI</u>***

*(a) Illi fl-ewwel lok mill-provi li rrizultaw fil-mori ta` din il-Kawza mir-Rikors Guramentat, l-Affidavits tar-Rikorrenti Atturi, Dokumenti li gew esebiti, u evidenza li nstemghet tul il –Kawza, bla dubju ta` xejn jirrizultaw fatti rilevanti li jimmerita li r-Rikorrenti Atturi jigu kumpensati ghas-servigi li huma wettqu fil-konfront tal-genituri tar-Rikorrenti Attur u dan mid-data li din il-wisq Onorabbli Qorti tistabbilixxi u fl-ammonti li jigu likwidati a bazi tal-istqarrijiet tar-Rikorrenti Atturi u l-provi mressqa minnhom;*

*(b) Mid-diversi Testmenti li ghamlu l-genituri tar-Rikorrenti Atturi, kemm waqt li t-tnejn li huma kienu ghadhom hajjin u sussegwentement wara li*

*miet il-missier, mill-ebda wiehed minn dawn it-Testmenti ma jirrizulta li thalla xi ammont bhala kumpens ghas-Servigi li r-Rikorrenti Atturi effettivament wettqu fil-konfront tal-genituri tar-Rikorrenti Attur sia fir-rigward tal- missier Giorgio Magri, kif ukoll fir-rigward tal- omm Maria Magri, u dan skont kif irrizulta mill-provi fl-intier taghhom imressqa f`din il-Kawza odjerna;*

*(c) Ghandhom jigu nominati esperti fil-qasam tal –komputazzjoni biex ikunu jistghu jillikwidaw ammont gust u ekwu a bazi tas-Servigi mwettqa mir-Rikorrenti Atturi fir-rigward tal-genituri tar-Rikorrenti Attur Giorgio Magri u Mary Magri, u dan a bazi tal-provi mressqa fil-mori ta` din il-Kawza;*

*(d) Fl-eventwali li xi hadd mill-Intimati Konvenuti jibqa` Kontumacja, din il-Qorti ghandha tipprovdi biex jinhatru Kuraturi Deputati li lilhom ikun imiss it-turn biex ma jintilifx zmien halli l-mertu ta` din il-Kawza jigj processat u definittivament deciz;*

*(e) L-Intimati jew min minnhom ghandhom jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez kollha ta` dawn il-Proceduri odjerni u dan peress illi permezz tal-Ittra Ufficjali tat-22 ta` Gunju, 2016, indikata f`din il-Kawza bhala Dokument RM5 fir-Raba` Taqsima :Elenku ta` Dokumenti, ir-Rikorrenti Atturi kienu talbu lill-Intimati Konvenuti biex jersqu ghall-likwidazzjoni tas-Servigi dovuti lir-Rikorrenti Atturi, haga li ghal raguni jew ohra l-ebda wiehed mill-Intimati Konvenuti ma ghamel dan minkejja li kienu jafu kemm ir-Rikorrenti Atturi effettivament taw servizz lill-genituri tar-Rikorrenti Attur qabel ma dawn mietu skont kif irrizulta fil-mori ta` din il-Kawza;*

*(f) Ghandu jigi likwidat l-ammont dovut in kumpens bhala Servigi lir-Rikorrenti Atturi jew min min minnhom wettqu fir-rigward tal-missier Giorgio sive George Magri li miet fit- 22 ta` Jannar, 2012, u approssimament is-seba` snin li jipprecedu dik id-data u dan a bazi tal-provi li tressqu fil-mori tal-Kawza;*

*(g) Ghandhom ulterjorment jigu likwidati l-ammont dovut bhala kumpens ghas-Servigi mwettqa mir-Rikorrenti Atturi jew min min minnhom fir-rigward ta` omm ir-Rikorrenti Attur Maria Magri li mietet nhar is-16 ta` Frar, 2016, u aprossimament it-tnax –il sena ta` qabel jew kif tispecifika l-parametri fil-Ligi;*

*(h) Ghandhom jigu evalwati l-kalkoli ta` Servigi li r-Rikorrenti Atturi jew min min minnhom ghamlu fid-diversi snin li qeghdin jigu indikati u dan sabiex l-Intimati Konvenuti ikunu jistghu jikkumpensaw lir-Rikorrenti Atturi ghal dawn is-Servigi rezi mir-Rikorrenti Atturi jew minn min minnhom fid-diversi snin qabel l-imwiet tal-genituri tar-Rikorrenti Attur skont kif qed jirrizulta fil-mori ta` din il-Kawza;*

*(i) Fic-cirkostanzi jekk ikun hemm bzonn ghandhom jigu mahtura esperti fil-qasam tal-komputazzjoni tas-Servigi li jiehdu in konsiderazzjoni l-fazi meta l-munita legali fir-Repubblika ta` Malta kienet il-Lira Maltija, kif ukoll ghall-perjodu meta l- munita legali f`pajjizna inqalbet ghall-Ewro, u dan a bazi tad-deposizzjonijiet u provi li tressqu fil-mori ta` din il-Kawza;*

*(j) Fic-cirkostanzi l-ispejjez kollha gudizzjarji w extra gudizzjarji u l-Atti kollha nkluz Mandati direttament u / jew indirettament marbuta mal-mertu tal-Kawza odjerna ikunu a karigu tal-Intimati jew min min minnhom minhabba l- fatt illi huma gew mitluba nhar it-22 ta` Gunju, 2016, biex jikkumpensaw lir-Rikorrenti Atturi ghas-Servigi u dawn baqghu bi sfida inadempjenti li jaghmlu dan;*

*(k) Din il-Qorti ghandha taghti l-provedimenti kollha opportuni u direttivi jekk ikun il-kaz relatati mat-Talbiet tar-Rikorrenti Atturi kif hawn fuq imposti.*

*30. Tant ghandhom ir-Rikorrenti Atturi x` jissottomettu ghas-savju gudizzju ta` din il-wisq Onorabbli Qorti.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti.

Rat ir-risposta guramentata li pprezentaw il-konvenuti Peter u Mary konjugi Magri fid-9 ta` Jannar 2017 li taqra hekk :-

*1. Preliminarjament, Mary Magri ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u dana stante li hi ma hijiex werrieta ta` ebda mid-defunti u hija biss mart il-konvenut Peter Magri ;*

*2. Illi nkwantu t-talba ta` servigi allegatament rezi mill-atturi a favur id-defunta omm il-partijiet Maria Magri, l-esponenti Peter Magri ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju u dana peress li huwa ma huwiex werriet ta` Maria Magri u dana kif jirrizulta mir-rinunzja hawn annessa u mmarkata bhala "Dokument PM1";*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet suesposti, nkwantu tat-talba ta` hlas ta` servigi allegatament rezi mill-atturi a favur id-defunt Giorgio Magri, jigi eccepit li t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt peress illi huwa kontestat li r-rikorrenti jew martu prestaw xi servigi lil genituri tal-partijiet tul hajjithom, anzi hlief inkwiet, problemi u theddid ma kienux jaghtuhom u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*4. Mhux minnu li r-rikorrenti hargu xi flejjes minn buthom ghal spejjez in konnessjoni ma` servigi anzi kienu dejjem jaraw x`jistghu jakkwistaw minghand id-defunti bit-theddid, prova ta` dan huwa l-izvilupp fit-testmenti li halla d-defunt Giorgio Magri u s-sensiela ta` kawzi li diga qieghdin jinstemghu quddiem din l-Onorabbli Qorti;*

*5. Illi minghajr pregudizzju ghat-talbiet suesposti, sa fejn relattiva ghal zmien ta` aktar mill-ahhar hames snin, it-talbiet tal-atturi waqghu bi preskrizzjoni taht l-Art. 2156(f) tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta` Malta;*

*6. Illi l-esponenti ma ghandhomx ibatu l-ispejjez ta` dawn il-proceduri;*

*7. Salv eccezzjonijiet ohra premessibbli skont il-Ligi.*

*Bl-ispejjez kontra l-atturi li huma minn issa ngunti in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti.

Rat ir-risposta guramentata ta` l-konvenuta Miriam Sciberras li kienet prezentata fit-12 ta` Jannar 2017 u li taqra hekk :-

*1. Fl-ewwel lok, in linea preliminari, it-talbiet, fejn jirreferu ghall-allegati servigi ghal zmien ta` aktar mill-ahhar hames snin, huma preskritti ai termini tal-artikolu 2156 (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta;*

*2. Fit-tieni lok, ma jezistux l-elementi rikjesti mil-ligi u mfissra tul iz-zmien mill-Qrati taghna biex it-talbiet tar-rikorrenti jistghu jirnexxu, u dan kif se jigi muri tul is-smigh tal-kawza;*

*3. Fit-tielet lok, it-talbiet rikorrenti huma ghal kollox kontestati ghaliex ma huwiex minnu illi r-rikorrenti prestaw xi servizz lil Giorgio u/jew konjugi Maria Magri, hekk kif ma huwiex minnu illi r-rikorrenti inkorrew xi spejjez ghall-istess, u dan kif se jigi muri tul is-smigh tal-kawza;*

*4. Fir-raba` lok, subordinatament, u minghajr pregudizzju ghal dak suespost, se jirrizulta illi f`kull kaz, il-valur ta` dak indebitament mehud u mizmum mir-rikorrenti mill-assi tal-mejtin Giorgio u Maria konjugi Magri jeccedi sostanzjalment il-valur ta` kwalunkwe pretensjoni illi huma ghandhom issa;*

*5. Fil-hames lok allura, sejjer jirrizulta illi din odjerna ma hija xejn hlief l-ennezima kawza imressqa mir-rikorrenti kontra hutu bi skop li jivvessahom, idejjaqhom u jcahhadhom minn dak li huwa taghhom moralment u bi dritt.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti, u b`riserva li l-esponenti tressaq kull eccezzjoni ulterjuri illi tista` tkun awtorizzata tressaq skont il-ligi, u minghajr pregudizzju ghal kull jedd tal-esponenti fil-konfront tal-partijiet jew min minnhom.*

Rat id-dikjarazzjoni ta` l-istess konvenuta u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat ir-risposta guramentata ta` l-konvenuti Angelo u Jane konjugi Magri prezentata fis-17 ta` Jannar 2017 li taqra hekk :-

*1. Illi r-rikorrent Carmel Magri u l-intimati Peter Magri, Angelo Magri u Miriam Sciberras huma kollha ahwa u tfal tal-mejtin Giorgio Magri li miet hames snin ilu fit-22 ta` Jannar 2012 u Maria Magri li mietet is-sena l-ohra fis-16 ta` Frar 2016.*

*2. Illi preliminarjament l-intimati jecepixxu l-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini tal-artikolu 2156 f tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta u dan stante li fit-talbiet taghhom l-atturi qed jitolbu hlas ghal servigi pprestati lil genituri ghal seba snin fil-konfront tal-missier u cjoe` George Magri, u ghal tnax –il sena fil-konfront tal-omm u cjoe` ta` Maria Magri u ghalhekk fi kwalunkwe kaz se mai il-perjodu rilevanti ghandu jkun l-ahhar hames snin u mhux iz-zmien indikat u mitlub mir-rikorrenti.*

*3. Illi t-talbiet fil-konfront tal-intimati Angelo u Jane konjugi Magri ghandhom jigu michuda stante li huma infondati fil-fatt u fi dritt kif ser jirrizulta waqt il-kawza.*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit kwalunkwe ghajnuna li setghu taw ir-rikorrenti, din kienu ghamluha minghajr hsieb ta` kumpens kif ser jirrizulta mill-provi.*

*5. Illi r-rikorrenti jikkontraducu lilhom infushom meta mir-rikors guramentat taghhom f`paragrafu 14 jghidu li s-servigi ghamluhom sakemm il-genituri kienu ghadhom jghixu taht l-istess saqaf billi wara li miet missierhom ommhom marret tghix ghand ohtu Miriam izda imbaghad fit-talbiet taghhom (f) u (g) jippretendu kumpens ghas-snin kollha hemm indikati fit-talbiet.*

*6. Illi dak li ghamel ir-rikorrent mal-genituri ghamluh ukoll l-intimati.*

*7. Illi l-missier ilu mejjet hames snin u t-talba qed issir issa unikament minhabba inkwiet li nqala fuq il-wirt tal-genituri.*

*8. Illi r-rikorrenti m`ghandhom l-ebda dritt jitolbu hlas hekk kif ser jirrizulta mill-provi u ma jisthoqqilhom ebda hlas.*

*9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li huma minn issa ngunti in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Semghet ix-xhieda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet li kienu prezentati.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>Il-pretensjoni tal-atturi</u>

Fil-kawza tal-lum, l-attur qed jitlob il-likwidazzjoni u l-hlas ta` servigi li jikkontendi li ppresta favur il-genituri tieghu George u Maria konjugi Magri. Mart l-attur hija attrici wkoll. Jirrizulta li missier l-attur **<u>Giorgio Magri</u>** miet fit-**<u>22 ta` Jannar 2012</u>** waqt li ommu Maria Magri mietet fis-**<u>16 ta` Frar 2016</u>**.

Fl-affidavit taghhom a fol 15 et seq, l-atturi fissru s-servizzi li rrendew lill-genituri tal-attur b`effett mis-**<u>6 ta` Dicembru 2004</u>**. Kienet indikata dik id-data

billi qed jinghad illi dakinhar Giorgio Magri kellu *stroke* u minn hemm `il quddiem sew Giorgio kif ukoll Maria Magri kellhom bzonn ta` ghajnuna kontinwa.

Is-servigi ma komplewx jigu prestati fil-**5 ta` Frar 2012** meta Maria Magri marret tghix ghal kollox mal-konvenuta Miriam Sciberras sal-gurnata tal-mewt taghha.

Il-pretensjonijiet ta` l-attrici huma mibnija fuq il-fatt li ghal kull lejl li zewgha raqad mal-genituri tieghu hija raqdet wahidha. Inoltre tikkontendi li rrendiet servigi kull meta kellha tmur tghin lill-genituri ta` zewgha ghaliex kien ikun xoghol.

Fl-affidavit ulterjuri taghhom a fol 23 et seq, l-atturi jindikaw il-pretensjonijiet taghhom ghaz-zmien kollu ta` bejn is-**6 ta` Dicembru 2004 u l-5 ta` Frar 2012** :

**a)** L-attur ighid illi raqad mal-genituri tieghu 1277 darba.
Kull darba qatta` 8 sieghat.
Qed jippretendi hlas ta` mhux anqas minn €15 ghal kull siegha.
**Kontegg ta` €153,240**

**b)** L-attrici tghid illi ghall-iljieli li raqdet wahidha biex l-attur zewgha raqad mal-genituri tieghu. Ghalhekk kellha tithallas mhux anqas minn €10 ghal kull siegha.
**Kontegg ta` €102,160**

**c)** L-attur ighid illi mar 84 darba jibgor il-medicini ghall-genituri tieghu, saghtejn kull darba, pretensjoni ta` mhux anqas minn €10 kull siegha.
**Kontegg ta` €1,680**

**d)** L-attur ighid illi mar 70 darba biex jibgor il-hrieqi ghal-missieru, u ha saghtejn kull darba biex jaghmel dan, pretensjoni ta` mhux anqas minn €10 kull siegha.

**Kontegg ta` €1,400.00**

**e)** L-attur ighid illi ha lill-genituri tieghu madwar 40 darba ghall-vizti medici, u ha saghtejn kull darba, pretensjoni ta` mhux anqas minn €10 kull siegha.
**Kontegg ta` €800**

**f)** L-attur ighid illi ghen lil missieru fil-bzonnijiet personali bhal hasil, lehja fost l-ohrajn, ghal madwar 150 darba.
Ha madwar siegha kull darba.
Pretensjoni ta` mhux anqas minn €10 kull siegha.
**Kontegg ta` €1,500**

**Ghalhekk l-atturi qeghdin jippretendu ammont totali ta` €260,780 ghas-servigi li jikkontendu li rrendew lill-genituri tal-attur.**

**III. L-eccezzjoni ta` l-preskrizzjoni**

Kienet eccepita mill-konvenuti kollha l-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici skont l-**Art 2156(f) tal-Kap 16**.

**a) Dritt**

**L-Art 2156(f) tal-Kap.16** jaqra hekk –

*L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta` hames snin :*

…

*(f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta` kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa`, skont din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku.*

**b) Gurisprudenza**

Huwa pacifiku fil-gurisprudenza tal-qrati taghna illi talba ghall-hlas ta` servigi tiddekadi bil-preskrizzjoni tal-hames snin skont l-Art 2156(f) tal-Kap.16. Il-gurisprudenza in materja hija kostanti fis-sens illi tghid li hemm lok ghall-preskrizzjoni fil-kazi ta` servigi jew prestazzjonijiet ohra, ghalkemm ikun hemm kontinwazzjoni taghhom (ara – Qorti tal-Appell – "**<u>Caruana vs Scicluna et</u>**" – 4 ta` Gunju 1948 – Vol.XXXIII.I.285).

Dwar il-kontinwita` tas-servigi u l-preskrizzjoni, din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-17 ta` Jannar 1955 fil-kawza "**<u>Agostino Pace et vs Antonio Agiusnoe</u>**" (Vol.XXIX.II.515) qalet hekk:

> *L-azzjoni ghall-hlas ta` servigi u ghar-restituzzjoni ta` spejjez ghal somministrazzjonijiet maghmula lill-persuna servuta tippreskrivi ruhha f`hames snin; u c-cirkustanza li s-servigi jew somministrazzjonijiet jkunu kontinwi, jew bla interruzzjoni, mhux bizzejjed biex timpedixxi illi l-preskrizzjoni tibda tiddekorri. B`dan li l-kontinwita` jew reiterazzjoni tas-servigi jew somministrazzjonijiet ma tissospendix il-bidu jew il-perkors tal-preskrizzjoni, u lanqas ma timporta, ghalkemm accettata mid-debitur, interruzzjoni tal-preskrizzjoni tal-kreditu ghas-servigi jew somministrazzjonijiet anterjuri. Ghaliex l-att ta` persuna li taccetta mill-gdid il-prestazzjonijiet ma jistax iwassal ghall-ammissjoni tad-debitu dwar prestazzjonijiet anterjuri, jew ghal rikonoxximent ta` drittijiet dwar dawk il-prestazzjonijiet anterjuri, jew ghal xi rinunzja ghall-preskrizzjoni tad-dritt naxxenti minn prestazzjonijiet anterjuri.*

Issir referenza wkoll ghall-osservazzjonijiet li saru fil-kawza fl-ismijiet **<u>Maria Lourdes Brincat vs Giuseppe Brincat et</u>** li kienet deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-17 ta` Marzu 2010 fejn inghad :

> "*Il-pozizzjoni hija li jekk servigi huma rikonoxxuti, dawn ghandhom jigu provvduti ghaz-zmien kollu li fih gew imwettqa servigi u mhux biss ghall-ahhar hames snin. Hija biss jekk ikun hemm l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li l-kuncett ta` l-ahhar hames snin japplika. Dan jirrizulta bl-aktar mod car mis-siltiet li*

*ser jigu ikkwotati mis-sentenza fl-ismijiet* ***Vella Carmelina et vs Borg Anthony nomine****, deciza mill-Appell Civili Superjuri fis-16/09/1994 (Vol LXXVIII-II-I-260): L-azzjoni attrici hija ghall-hlas ta` kumpens ta` servigi allegatament rezi milll-attrici Carmelina Vella matul numru ta` snin lill-mejjet Anthony Borg imsemmi fl-atti ta` citazzjoni, liema kumpens irid jigi llikwidat minn din il-Qorti. M`hemmx dubju illi ghal kreditu ta` din ix-xorta hija applikabbli l-preskrizzjoni ta` hames (5) snin ikkontemplata mill-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili, Kap. 16, u f`dan ir-rigward huwa sufficjenti illi ssir riferenza ghas-sentenza ccitata mill-konvenut nomine fil-paragrafu 1(d) tan-nota ta` osservazzjonijiet tieghu (App. Civ. 23-1-59, "****George Portelli vs Nicola Galea****", Vol. XLIII, P.I, p.66); …*

*Huwa risaput illi l-preskrizzjoni tisfa interrotta kull darba li d-debitur jirrikonoxxi d-dritt tal-kreditur tieghu u li kontra tieghu tkun bdiet timxi l-preskrizzjoni. Huwa risaput ukoll li, fil-kaz li t-terminu tal-preskrizzjoni jkun diga` ddekorra, ir-rikonoxximent tad-debitu jekwivali ghal rinunzja ghall-effetti tal-preskrizzjoni. Ghandu jinghad ukoll illi l-interruzzjoni, kif ukoll ir-rinunzja, ghall-preskrizzjoni, javveraw ruhhom ukoll meta r-rikonoxximent ma jkunx sar fil-konfront ta` dejn likwidu. Dana jigri meta jkun sar rikonoxximent ta` l-obbligu tal-hlas izda ma jkunx sar rikonoxximent ta` l-obbligu tal-hlas ta` somma ta` flus determinata u specifika. Infatti, huwa accettat fil-gurisprudenza u fid-dottrina, illi rikonoxximent jista` jkun ukoll "illiquido" kif isejjahlu l-GIORGI . (Ara Kollez. Vol XXXIV – II – 742)"*

(ara wkoll : **Maria Theresa Cordina et vs Salvatore Abdilla et** : PA : 21 ta` Frar 1994)

## c) **Risultanzi**

**Premessa din il-gurisprudenza, din il-Qorti tirrileva illi ladarba l-Art 2156(f) tal-Kap 16 jigbor fih preskrizzjoni estintiva, allura jinkombi fuq l-attur l-oneru li jgib prova sodisfacenti li kien hemm rinunzja jew interruzzjoni tal-preskrizzjoni.**

Fil-kaz tal-lum, jirrizulta illi l-genituri tal-attur ghamlu diversi testmenti. Kien hemm minnhom li kienu *unica charta* ; ohrajn fuq bazi individwali. Minn l-ebda testment ma jirrizulta illi thalla favur l-atturi xi laxxitu bhala turija ta` rikonoxximent lejn l-atturi ghal servigi li setghu rrendew lid-decujus. Lanqas ma thalla xi legat remuneratorju.

Mill-assjem tal-provi l-ohra, il-Qorti ma ssib l-ebda prova objettiva u konklussiva, mhux mera ipotesi jew deduzzjoni, illi twassalha sabiex tikkonkludi fuq bilanc ta` probabilitajiet illi d-decujus accettaw jew irrikonoxxew li kienu debituri tal-atturi ghal servigi resi lilhom. Lanqas ma tirrizulta xi prova ta` weghda da parti taghhom illi jikkompensaw lill-atturi ghal servigi.

Fejn si tratta ta` interruzzjoni tal-preskrizzjoni, jirrizulta biss li kienet saret ittra ufficjali fit-22 ta` Gunju 2016 segwita mill-presentata tal-kawza tal-lum fil-15 ta` Dicembru 2016.

**Il-Qorti qeghda tilqa` l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skont l-Art 2156(f) tal-Kap 16 ghall-hames snin li jipprecedu l-ittra ufficjali tat-22 ta` Gunju 2016. Ghalhekk kull pretensjoni attrici li tmur aktar lura fiz-zmien mill-22 ta` Gunju 2011 hija milquta bil-preskrizzjoni skont l-Art 2156(f) tal-Kap 16.**

## IV. <u>Il-legittimi kontraditturi tal-atturi</u>

Kien eccepit mill-konvenuti Peter u Mary konjugi Magri illi Mary Magri ghandha tigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li mhijiex eredi ta` Giorgio u Maria konjugi Magri.

Il-Qorti tqis illi l-eccezzjoni hija fondata fid-dritt.

L-azzjoni ghal servigi allegatament resi lil persuni defunti ghandha ssir kontra l-eredi ta` dawk il-persuni, mhux ukoll kontra l-konjugi rispettivi

taghhom, stante li jekk l-azzjoni tirrizulta ppruvata fil-fatt u fid-dritt, il-hlas ikun dejn tal-wirt li huwa rappresentat mill-eredi.

Tenut kont tal-fattispeci tal-kaz odjern, il-konjugi tal-eredi konvenuti m`ghandhomx jinkwadraw fl-azzjoni attrici stante illi l-hlas tas-servigi pretiz mill-atturi ma jirrizultax li huwa piz gravanti l-komunjoni tal-akkwisti.

**Ghalhekk l-eccezzjoni qeghda tkun milqugha, bil-konsegwenza li Mary Magri qeghda tkun liberata mill-osservanza tal-gudizzju.**

## V. It-talbiet attrici

### a) Provi

**Akkolta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fit-termini spjegati, ifisser illi fil-kaz ta` Giorgio Magri, il-konsiderazzjoni tal-Qorti sejra tkun limitata ghaz-zmien ta` bejn il-22 ta` Gunju 2011 u t-22 ta` Jannar 2012 u cioe` 214 –il gurnata, waqt illi fil-kaz ta` Maria Magri, iz-zmien li sejjer jitqies huwa dak ta` bejn it-22 ta` Gunju 2011 u l-5 ta` Frar 2012 u cioe` 228-il gurnata.**

**Il-Qorti tfakkar illi Giorgio Magri miet fit-22 ta` Jannar 2012 waqt li fil-5 ta` Frar 2012, Maria Magri marret tingabar mal-konvenuta Miriam Sciberras li hadet hsiebha taghha wahedha sakemm Maria Magri mietet fis-16 ta` Frar 2016.**

Il-Qorti semghet xiehda fit-tul u ezaminat provi voluminuzi ohra mnejn tohrog kjarament il-pozizzjoni ta` kull wiehed mill-kontendenti. L-ahwa huma afflitti bi kwestjonijiet dwar il-wirt tal-genituri taghhom tant li hemm erbgha (4) kawzi pendenti bejniethom – din tal-lum inkluza. Id-dizgwid huwa qawwi tant li huwa kostellat b`allegazzjonijiet tal-ahwa kontra xulxin.

**Dak rilevanti ghall-fini tal-kawza tal-lum huwa strettament relatat ma` jekk fiz-zmien indikat aktar kmieni : a) kienx ippruvat illi l-atturi rrendew servigi lill-genituri tal-attur ; b) jekk irrendew servigi, haqqhomx jithallsu ; u c) kemm ghandu jkun il-hlas.**

**Ghalhekk il-Qorti sejra twarrab fil-genb kull prova dwar kwistjonijiet ohra bejn il-partijiet.**

Minkejja id-dizgwid serju li hemm bejn l-ahwa, fis-sostanza hemm qbil bejniethom illi b`effett mis-6 ta` Dicembru 2004, meta Giorgio Magri spicca pupletiku, l-affarijiet fid-dar tal-genituri nbidlu radikalment. Waqt li qabel marad, Giorgio Magri u martu, ghalkemm anzjani, kienu kapaci jaghmlu l-affarijiet taghhom wahedhom, wara li Giorgio Magri marad, it-tnejn saru dipendenti fuq l-ghajnuna. Giorgio Magri, bl-effetti tal-puplesija, beda jbati minn demenzja u kellu problemi medici ohra. Maria Magri kellha problemi fizici li llimitawha ferm fil-moviment taghha. Kienet ukoll afflitta minn depressjoni akuta. Meta Giorgio Magri mar lura d-dar wara li rcieva kura ghall-puplesija, martu ma setghetx iddur bih wahidha. It-tnejn kellhom bzonn l-ghajnuna f`diversi aspetti.

Irrizulta li l-ahwa Carmelo, Angelo u Miriam ftehmu bejniethom sabiex jaghtu l-ghajnuna kif setghu. Miriam Sciberras, minn mindu zghira, qatt ma hadmet ghaliex dejjem kienet dedikata ghall-familja taghha kif ukoll ghall-genituri taghha. Ghalhekk kompliet tghin matul il-gurnata billi tqajjimhom, tlibbishom, issajjrilhom, tnaddfilhom id-dar u taghmel dak kollu li kien mehtieg. Kien hemm zmien fejn l-ghajnuna u x-xoghol ta` matul il-jum kien jinqasam bejn Miriam Sciberras u l-attrici Rita Magri. Din tal-ahhar damet tghin ghal sentejn u nofs ; imbaghad waqfet ghaliex ma kinitx qeghda tlahhaq mal-bzonnijiet tal-familja taghha. Fuq proposta tal-attur stess, sew Miriam Sciberras u kif ukoll Rita Magri bdew jithallsu s-somma ta` €350 fix-xahar ghal li kienu qeghdin jaghmlu : €175 ghal kull wahda. Meta l-attrici waqfet tghin, is-somma ta` €350 fix-xahar bdiet tmur kollha ghand Miriam Sciberras. Din kienet taqsam dawn il-flus ma` uliedha bniet li kienu jghinuha fil-kura tan-nanniet.

Min-naha taghhom irrizulta li s-subien ahwa Carmel u Angelo kienu jaghtu sehemhom matul il-lejl ghaliex mal-gurnata kienu jahdmu.

Mill-kumpless tal-provi jirrizulta qbil illi l-attur kien jorqod mal-genituri tieghu lejl iva u iehor le billi jalterna ma` huh Angelo. Kien hemm okkazjonijiet fejn l-attur kien idum ix-xoghol jew inkella jinzerta jkun imsiefer u allura kien jibdlu xi hadd iehor, daqqa xi hadd minn hutu, neputijiet jew habiba tal-familja.

Kemm l-attur kif ukoll il-konvenut Angelo Magri xehdu illi mal-lejl kienu jaghmlu dak kollu li kien jinqala` jew li jkun mehtieg inkluz il-bdil tal-hrieqi kull darba li missierhom kien jithammeg jew inkella meta jqatta` l-harqa meta jqum. Xehdu wkoll illi kienu anke jnaddfuh jew jahsluh mal-lejl skont il-bzonn li jinqala`. Kienu wkoll jahsluh nhar ta` Hadd u jghinuh fi bzonnijiet ohra personali : Hadd wiehed l-attur u l-Hadd ta` wara Angelo Magri.

Jirrizulta mill-provi illi kien wasal zmien fejn il-qaghda tal-missier marret lura b`mod u manjiera li kellhom jirrikorru ghall-infermiera tal-MMDNA sabiex jaghtu jghinu fil-kura u fl-igjene personali tal-missier. Mix-xiehda tal-infermiera jidher li din kienet tmur darba jew darbtejn dejjem mal-gurnata. Il-kura ta` matul il-lejl baqghet dejjem fdata bhala regola fl-attur u Angelo Magri. Din kienet is-sitwazzjoni sakemm ftit jiem qabel miet Giorgio Magri kellu jigi rikoverat l-isptar minhabba kumplikazzjonijiet. Giorgio Magri ma regax mar lura d-dar ghaliex miet l-isptar. Skont ma xehed l-attur, inserta illi fl-ahhar jiem ta` l-hajja ta` missieru, huwa kien ma jiflahx bi bronkite u ma setax imur izur lil missieru l-isptar.

Jirrizulta li l-irqad mal-omm mill-attur u minn Angelo Magri waqaf ghal kollox erbatax il-jum wara l-mewt tal-missier, billi Maria Magri marret tghix ghand bintha Miriam Sciberras sal-mewt.

Jirrizulta wkoll illi sakemm kienu ghadhom jghixu fid-dar taghhom, l-attur kien jiehu hsieb jigbor il-medicini ghaz-zewg genituri. Dan il-fatt huwa korroborat mit-tabib tal-familja. L-attur kien jiehu hsieb ukoll jigbor ir-ricetti tal-medicini, u d-dokumentazzjoni relattiva ghall-istess medicini. Il-gbir tal-medicini kien isir kull xahar ; daqqa kien jibgor certa medicini u daqqa jingabru ohrajn. Din il-facenda gieli hadet ftit fit-tul billi xi medicini ma kienux ikunu disponibbli, u ghalhekk l-attur kien imur jigborhom minn bnadi ohra.

Jirrizulta wkoll illi l-attur kien jiehu hsieb ihejji l-medicini gurnata b`gurnata ghaz-zewg genituri.

Iz-zewg genituri kienu jehtiegu jattendu diversi appuntamenti mat-tobba. Bhala regola kien ikun l-attur illi kien iwassalhom u johodhom lura d-dar. Meta ghal xi raguni ma kienx ikun jista` kienu jmorru hutu Angelo jew Miriam.

Jirrizulta illi Maria Magri kienet thejji €25 fix-xahar ghall-attur bhala kumpens ghall-ispejjez tad-diesel.

L-attur xehed illi l-unici spejjez li kien jinkorri kienu dawk ghad-diesel ghaliex ghall-bqija kollox kien jithallas mill-flus tal-genituri tieghu.

Zied jghid :

"*…il-bqija l-hin li kont nahli ma kontx narah bhala hin mohli ghax dak ix-xoghol kont naghmlu minn qalbi. … Dan l-ahhar kienet taqbad hamsa u ghoxrin Ewro biex tghidli itfaghhom diesel, u kont nichad li nehodhomlha ghax kont nghidilha jiena ma naghmilx dan ix-xoghol ghall-flus.*" (fol. 21)

Aktar tard fix-xiehda tieghu zied jghid illi ghall-ewwel erbgha (4) snin il-flus ma kienx johodhom imma mbaghad beda jaccettahom. Dan il-hlas baqa` ghaddej sakemm ommu marret tghix ghand Miriam Sciberras.

Dwar il-fatt illi Maria Magri marret tghix ghand Miriam Sciberras, hemm kontenzjoni bejn l-ahwa u n-neputijiet billi kien allegat li l-attur u Angelo Magri istigaw lill-ommhom sabiex titlaq mid-dar taghha u tmur tghix band`ohra.

Dwar dan il-punt kontestat, Angelo Magri xehed illi kien huwa li qal lil ommu biex jaraw x`arrangament setghu jsibu ghaliex kien iddejjaq marbut lejl iva u iehor le u xtaq li l-piz jinqasam ahjar bejn l-ahwa. Stqarr illi dak li qal kien interpretat hazin minn Miriam Sciberras u uliedha. Kif jirrizulta mid-deposizzjoni taghhom, huma fehmu li bid-diskors taghhom, l-attur u Angelo Magri riedu li ommhom tohrog mid-dar taghha halli huma jkunu jistghu igawdu.

Tajjeb jinghad illi sakemm kien ghadu haj il-missier, u sakemm l-omm kienet ghada tghix fid-dar taghha, ma jidhirx li kien hemm dizgwid bejn il-genituri u tlieta minn uliedhom cioe` l-attur, Angelo Magri u Miriam Sciberras. Lanqas ma jidher li kien hemm dizgwid bejn dawk it-tliet ahwa. Jidher illi d-dizgwid kollu nqala` wara li Maria Magri marret tghix ma` Miriam Sciberras. Jidher illi l-omm bdiet tallega li kienet qeghda ssib flus neqsin u s-suspett waqa` fuq l-attur billi dan kien il-prokuratur taghha. Kien jiehu hsieb isarraf u jiddepozita c-cheques tal-pensjoni kif ukoll jizbanka flus li ommu kien ikollha

bzonn.

Fix-xiehda tieghu, l-attur stqarr illi huwa dejjem kien jiehu lill-ommu mieghu il-bank sabiex kemm jista` jkun taghmel l-affarijiet taghha hija stess.

Ma tressqux provi dwar tehid abbusiv ta` flus da parti tal-attur. Anzi Angelo Magri xehed illi meta mar flimkien ma` ommu u ohtu Miriam Sciberras il-bank sabiex jaraw fejn marru l-flus allegatament neqsin, hu ma ra xejn li hassbu hazin.

Bhala konsegwenza tas-suspetti diretti lejh, l-attur ma baqax jiehu hsieb tal-flus ta` ommu, ghalkemm ma rrizultax illi l-prokura kienet giet revokata.

Fil-kors tal-gbir tal-provi, saru diversi allegazzjonijiet ohra lejn l-attur, fosthom dwar tehid ta` deheb, u dwar hlas ta` kontijiet tal-elettriku relattivi ghall-konsum ta` iben l-atturi, liema hlas kien allegat illi sar mill-flus ta` Maria Magri. Provi in sostenn ta` dawn l-allegazzjonijiet sal-grad li trid il-ligi baqghu ma tressqux.

L-attur sahaq fid-deposizzjoni tieghu illi qatt ma dawwar favur tieghu flus tal-genituri. Il-flus li kien jigbed mill-bank kienu jservu sabiex tithallas minnhom Miriam Sciberras ghas-servizz taghha u sabiex jithallsu medicini u bzonnijiet ohra tal-genituri.

Il-provi juru illi ghaz-zmien li Maria Magri damet tghix ma` Miriam Sciberras sakemm mietet, kulhadd kien imur jaraha fid-dar ta` Miriam Sciberras. Kemm l-attur kif ukoll Angelo Magri xehdu illi ma kienux komdi jmorru jaraw lil ommhom ghand ohthom peress illi skont huma qatt ma kienu jigu fdati wahidhom maghha ; b`hekk kienu prekluzi milli jitkellmu maghha bil-liberta`.

Fl-affidavit taghha, Miriam Sciberras xehdet illi hi dejjem kienet tkun prezenti fuq talba ta` ommha billi l-omm ma kinitx tafda lill-attur billi kienet tibza` li jgeghlha tiffirma xi karti bla ma tkun taf sewwa l-kontenut taghhom.

Bhala fatt, baqa` ma sarx kontroezami ta` Miriam Sciberras ghaliex fiz-zmien li ghadda bejn meta sar l-affidavit taghha sakemm giet biex tixhed in kontroezami hija mardet gravement u l-qaghda ta` sahhitha marret lura tant li kien skonsiljat mit-tobba li twiegeb ghal domandi in kontroezami lanqas fl-ambjent tad-dar taghha.

Maz-zmien id-dizgwid baqa` jizdied aktar.

Mill-atti jirrizulta li l-inkwiet bejn l-attur u ommu kien dwar wirt.

Tirrizulta tilwima gravi li grat bejn l-attur u l-omm fid-dar ta` Miriam Sciberras. Min-naha tieghu, l-attur imminimizza l-argument. Min-naha l-ohra ulied Miriam Sciberras iddeskrivew li dak li kien inqala` kien serju.

Jibqa` l-fatt illi wara dak l-argument - kbir jew zghir – Carmel Magri baqa` ma marx aktar hdejn ommu.

Gara wkoll illi t-tabib tal-familja, kif ikkonferma huwa stess, kien tal-fehma illi jkun ahjar jekk l-ulied ma jmorrux jaraw lil ommhom halli ma jinkwetawhiex. It-tabib xehed illi l-omm kienet tbati minn pressjoni gholja u kienet tghidlu li kellha nkwiet ma` tnejn mis-subien dwar wirt pero` qatt ma semmietlu min kienu.

Bhala fatt sew Carmel Magri u kif ukoll Angelo Magri ma marrux izjed hdejn ommhom.

Da parti tieghu l-attur sahaq u nsista illi huwa qatt ma kellem lill-ommu dwar wirt ghalkemm aktar tard fix-xiehda tieghu accetta li meta nqala` l-argument ma` ommu dan kien propju dwar il-qasma tal-wirt.

Fiz-zmien ta` wara, l-attur u Angelo Magri bdew isiru jafu li kienu qeghdin isiru certa manuvri mill-omm. Ma kienux kuntenti b`dak illi kien qieghed isir, partikolarment bid-donazzjoni li l-omm ghamlet favur Miriam

Sciberras, u favur in-neputijiet taghha, li jigu l-ulied il-konvenut Peter Magri.

Tajjeb jinghad illi (kif kien ikkonfermat minn Peter Magri, martu u wliedu fix-xiehda taghhom) kien hemm tilwim bejn Peter Magri u l-genituri tieghu, u bejn Peter Magri u hutu, li kien ilu ghaddej ghal ghexieren ta` snin. Litteralment baqghu snin twal ma jitkellmu jew iharsu lejn xulxin.

Matul iz-zmien kollu li Giorgio u Maria Magri baqghu jirrisjedu fid-dar taghhom Peter Magri ma kienx jiffrekwentahom. Beda jkellem lill-ommu biss wara li marret tghix ghand Miriam Sciberras.

Huwa bil-wisq evidenti illi l-kuntatt mill-gdid wara tant snin bejn Peter Magri u ommu ma tantx nizel tajjeb mal-attur. Bdew sensiela ta` kawzi (fosthom din tal-lum) istitwiti mill-istess attur.

Tajjeb jinghad ukoll illi l-atti jirreferu ghal self ta` Lm10,000 li Giorgio u Maria Magri kienu taw lill-attur.

Dwar dan is-self hemm referenza fit-testment *unica charta* taghhom tat-22 ta` Jannar 2002, fejn inghad li l-bilanc rimanenti favur taghhom minn binhom l-attur wara mewt taghhom kellu jinhafer. Imbaghad, fit-testment *unica charta* taghhom tas-7 ta` Lulju 2009 dwar l-istess self, it-testaturi konjugi Magri ddikjaraw illi l-attur qatt ma hallas xejn lura mill-ammont lilu misluf u esprimew ix-xewqa illi wara mewthom dan l-ammont dovut jinqasam indaqs bejn l-attur, Angelo Magri u Miriam Sciberras. Ghalhekk, skont din id-dispozizzjoni testamentarja, Carmel Magri kien ser ikollu jhallas liz-zewg hutu is-somma ta` €7,764.58 kull wiehed.

Dwar x`gara sewwa sew f`dan ir-rigward mhux car. Hemm verzjonajiet kontrastanti fis-sens illi waqt li l-attur ighid li hallas kollox, mill-provi rrizulta li effettivament hemm kawzi pendenti proprju dwar dan is-self. Minkejja li Carmel Magri sahaq li hallas kollox u li kellu ricevuti dwar dan, effettivament dawn l-ircevuti baqghu ma gewx prezentati.

Fiz-zmien immedjatament qabel mietet Maria Magri, l-attur esprima x-

xewqa li jerga` jkellem lill-ommu u wara l-intervent tal-Kappillan tal-Parrocca tal-Qrendi, l-omm baghtet ghall-attur sabiex imur jaraha meta kienet rikoverata l-isptar. Gara illi dakinhar stess li kien sejjer jara lil ommu, Carmel Magri rcieva mandat li hutu pprezentaw kontra tieghu dwar istallazzjoni ta` arlogg tad-dawl fi proprjeta` kontestata. Minhabba dan il-mandat, ha d-decizjoni illi ma jmurx hdejn ommu dakinhar u jmur jaraha l-ghada minflok. Ha mieghu kopja tal-mandat biex jurih lill-ommu. Jidher illi l-isptar rega` nqala argument iehor. Skont ix-xiehda mhux car ezattament x`gara. Pero` jibqa` l-fatt li wara din l-ahhar tilwima, Carmel Magri ma regax kellem lill-ommu. U meta mietet, lanqas ghall-funeral taghha ma mar !

L-attur xehed illi bit-testment tal-missier kien kuntent ghaliex wiret, izda bl-ahhar testment tal-omm ma kienx kuntent tant li rrinunzja ghall-wirt tal-omm u ghamel kawza.

Tajjeb jinghad ukoll illi anke Angelo Magri u Peter Magri rrinunzjaw ghall-wirt tal-omm.

Jirrizulta li ma saret l-ebda kawza sabiex jigi mpunjat it-testment li ghamlet Maria Magri fit-2 ta` Lulju 2014.

**b) <u>L-azzjoni ghall-hlas ta` servigi</u>**
**<u>(Dritt u gurisprudenza)</u>**

Il-hlas ghal servigi mhuwiex fost dawk indikati fl-**<u>Art 1233(1) tal-Kap 16</u>** bhala li jesigi l-forma miktuba *ad substantiam vel probationem.*

Il-prestazzjoni ta` servigi hija meqjusa bhala ghamla ta` kwazi-kuntratt.

Il-kwazi-kuntratt huwa definit bl-**<u>Art 1012 tal-Kap 16</u>** bhala *"fatt lecitu u volontarju, li minnu tohrog obbligazzjoni lejn persuna ohra, jew obbligazzjoni tal-partijiet lejn xulxin."*

**Il-principju ewlieni llum accettat fil-gurisprudenza taghna hu li kwalunkwe servigi anke meta jkun hemm relazzjoni ta` parentela ghandhom jitqiesu li gew prestati bi speranza ta` kumpens jekk ma**

**jirrizultawx cirkostanzi li jistabilixxu b`mod konklussiv il-gratuwita`.**

**Tul iz-zmien il-presunzjoni ta` l-gratuwita` ghal servigi resi fejn hemm vinkolu ta` parentela giet sostitwita bil-presunzjoni kontrarja fis-sens illi <u>hadd ma huwa prezunt li offra s-servigi tieghu bla hlas sakemm il-kuntrarju ma jigix pruvat</u>.**

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fl-1 ta` Dicembru 1958 fil-kawza "**<u>Zammit et vs Vella noe</u>**" inghad illi :–

*... din il-Qorti, fit-12 ta` Dicembru 1935, in re `Farrugia vs Caruana` irriteniet li fil-gurisprudenza anterjuri l-presunzjoni tan-`non-gratuita` giet sostwita bil-presunzjoni kuntrarja fil-kaz ta` servigi prestati bejn parenti, fejn is-servigi gew ritenuti bhala prestati `familiaritis causa` ; imma fil-gurisprudenza aktar ricenti, anke ghar-rigward tal-parenti, gie applikat il-principju li kwalunkwe servigi jigu ritenuti prestati bi speranza ta` kumpens, jekk ma jirrikorrux cirkustanzi tali li jiggustifikaw konkludentement il-gratuwita` sia pure minhabba relazzjonijiet ta` parentela (Vol. XXIX.II.851 u Vol. XLII.I.625)*

Fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta` Marzu 2003 fil-kawza "**<u>Borg vs Gaffiero et</u>**" kien osservat illi :–

*In materja ta` pretensjoni ghal servigi rezi, il-gurisprudenza taghna irregistrat dan l-izvilupp ;*

*Jezistu decizjonijiet li kienu jirritjenu li "ebda kumpens ma hu dovut meta l-vinkoli tal-konsangwinita` huma stretti, meta min jippresta s-servigi ma jkunx sofra perditi materjali, imma jkun inkomoda ruhu personalment, meta ma jkunx hemm cirkostanzi li juru bic-car illi tant mill-parti ta` min jippresta s-servigi kemm ukoll minn dak li a favur tieghu huma prestati kien hemm l-intenzjoni ta` kumpens." ("**<u>Esther Farrugia et -vs- Nutar Dr. Carmelo Farrugia noe</u>**", Appell Civili, 14 ta` Frar 1938) ;*

*Gja pero` minn zmien antik gie ritenut illi "sebbene un salario per servigi non e` dovuto, se non e` convenuto, oppure se il prestante non ebbe intenzione di farsene pagare ; pure la prestazione gratuita non si presume, e l`animo di donare e la rinunzia a retribuzione non devono facilmente accogliersi - anche se i servigi fossero state prestati colla speranza di un altro vantaggio, se questo non si verifica per fatto non imputabile a chi ha prestato i servigi" - "**<u>Felicia Felice -vs- Giuseppe Vella</u>**", Prim`Awla, Qorti Civili, 22 ta` Gunju 1875 ;*

*L-indirizz l-aktar recenti fuq is-suggett hu dak li s-servigi jigu prestati bi speranza ta` kumpens jekk ma jikkonkorrux cirkostanzi tali li jiggustifikaw konkludentement il-gratuwita` sija pure minhabba relazzjoni ta` parentela.*

*("**Giuseppina Deidun et -vs- Emilia Poggi et**", Prim`Awla, Qorti Civili, 6 ta` Ottubru 1954). Dan ghaliex il-gratuwita` u r-rinunzja ghall-kumpens ma ghandhomx jigu akkolti facilment ("**Elizabeth Vassallo -vs- Francoise Sultana**", Appell Kummercjali, 11 ta` Frar 1974; "**Mary Grace Attard -vs- Rosario Attard**", Appell Civili, 13 ta` Ottubru 1989) ;*

(ara wkoll : "**Caruana vs Mallia**" – Kollez. Vol. LXXXVI.iii.174 ; "**Delicata et vs Saliba pro et noe**" – Qorti tal-Appell – 22 ta` Mejju 1989 ; "**Caruana pro et noe vs Abela**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 14 ta` Jannar 1965 ; "**Agius vs Calleja"** – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 15 ta` Frar 1958 **"Axiaq vs Mifsud et"** – Qorti tal-Kummerc – 9 ta` Jannar 1952 ; "**Mifsud vs Briffa**" – Prim`awla tal-Qorti Civili – 3 ta` Ottubru 1935)).

Fil-kawza fl-ismijiet **`Giuseppina Deidun et vs Emilia Poggi et`** deciza minn din il-Qorti fis-6 ta` Ottubru 1954 (op. cit.) inghad hekk :-

> *Il-kumpens ghal servigi prestati jista` jkun dovut mhux biss "jure actionis", jew meta jkun pattwit, imma wkoll "officio judicis" jew meta c-cirkustanzi juru car illi min ippresta s-servigi kellu l-intenzjoni li jithallas ghalihom. Il-prestazzjoni tas-servigi mhix presunta li tkun saret gratuwitament, u l-intenzjoni tal-gratuwita` u r-rinunzja ghall-kumpens ma ghandhomx jigu akkolti facilment. U fil-gurisprudenza recenti, anki ghar-rigward tal-parenti, huwa applikabilii l-principju li kwalunkwe servigi jigu ritenuti prestati bi speranza ta` kumpens, jekk ma jikkonkorrux cirkustanzi tali li jiggustifikaw konkludentement il-gratuwita`, sija pure meta hemm relazzjonijiet ta` parentela. Jekk il-provi juru li, meta gew prestati s-servigi, min irrendihom ma kellux intenzjoni li jithallas ghalihom, ma hemmx lok ghall-kumpens.*
>
> *Dak li hu importanti li ghandu jigi ezaminat, biex wiehed jara ghandux ikun hemm kumpens jew le, huwa l-mument meta gew prestati s-servigi; u cirkustanzi sussegwenti ma joperawx retroattivament biex joholqu dritt li ma kienetx intenzjoni tal-partijiet interessati li joholqu.*

**Min jallega li s-servigi saru b`xejn irid igib provi tajbin bizzejjed biex iwaqqa` l-prezunzjoni li s-servigi nghataw bi hsieb ta` hlas.**

**c) Risultanzi**

**i. L-attrici**

**Ghalkemm l-attrici *de proprio* talbet kumpens ghal servigi minnha resi, tradotti fl-ispecifiku, l-inkonvenjent illi garrbet kull darba li l-attur zewgha raqad mal-genituri tieghu, fix-xiehda taghha tistqarr illi fl-ahhar sitt xhur ta\` l-hajja ta\` Giorgio Magri - u allura fil-perjodu rilevanti tenut kont tal-pronunzjament ta\` din il-qorti dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni - hija ma rendiet ebda servigi la lil Giorgio Magri u lanqas lil Maria Magri.**

**Effettivament kienet ilha bil-wisq qabel li waqfet tippresta servigi.**

**Tajjeb jinghad illi l-gurisprudenza in materia hija cara u titkellem dwar prestazzjonijiet rezi personalment minn persuna lil persuna ohra.**

**Imkien ma jissemma dritt ghal servigi favur il-konsorti ta\` min ikun effettivament irrenda servigi.**

**Ghalhekk, in linea mal-pretensjoni taghha, ladarba Rita Magri ma wettqitx is-servigi hija personalment fiz-zmien in kwistjoni, nonostante kwalunkwe inkonvenjent illi s-servigi resi minn zewgha setghu gabu bhala konsegwenza ghaliha, hija m\`ghandhiex dritt tivvanta xi pretenzjoni.**

**Kwindi l-pretensjoni tal-attrici qeghda tkun michuda.**

**ii. L-attur**

Fir-rigward ta\` l-pretensjoni ta\` l-attur *de proprio,* il-Qorti tosserva illi l-attur, mhux darba, izda ghal aktar minn hekk, xehed illi kull ma ghamel mal-

genituri tieghu ghamlu : *senza interessi,* b`rispett u b`imhabba lejhom.

L-attur sahaq illi dwar l-aspettattiva tieghu ghall-hlas qatt ma tkellem ma` hutu.

Cio` nonostante r-realta` tal-fatti turi kjarament li l-hsieb ahhari tal-attur kien propju li jithallas ghal li ghamel mal-genituri tieghu.

L-attur xehed hekk :-

> " *… ghax-xoghol li jien ghamilt, ghalkemm ghamiltu bil-qalb ghal ommi u missieri kont nistenna li jiena nkun ikkumpensat b`xi haga, pero` dan gara bil-kontra, ghaliex meta gie nieqes missieri w ommi marret tghix ma` ohti l-affarijiet inqalbu ta` taht fuq.*" (fol. 18)"

Kompla jixhed :

> "*Ma urejtx ghax kont nippretendi li wara li jigu neqsin nigi kkumpensat ta` dik it-tbaghtija li jiena baghtejt ma` ommi u ma` missieri.*" (fol. 535)

Xehed ukoll illi:

> "*Dak iz-zmien, nerga` nghidlek ma tlabtx flus ghax li kienet tghidli ommi isma` ibni inti ghandek hemm u ghandek hemm u dan l-ahhar missieri u ommi, kien ghadu f`sensih, qalulna li ha jpattielna, b`bicca ghalqa minn razzett u sar testament fuqha. Imma sfortunatament meta gie nieqes missieri u marret tghix ma` ohti, iddeffes it-tifel ta` hija u ghamilna gwerra civili, kollox inqaleb ta` taht fuq. (fol. 559)*
>
> …
>
> *Issa ddisjacieni li jien hdimt dak ix-xoghol kollu, minghalija ha nigi mhallas ippremjat bhal ma*

*thallas haddiehor, u filfatt ma sibt xejn imma xorta jibqa` l-fatt li jien ghandi nithallas, xi haga ta` dak li jien ghamilt, u tas-sagrificcju li jien ghamilt."* (fol. 559-560)

Prova ohra tal-intenzjoni ahharija tal-attur hija l-accettazzjoni tal-hlas li ta` kull xahar kienet taghtih ommu.

Ghalkemm fil-bidu jghid illi ma kienx jaccetta dawk il-flus, in segwitu jghid li l-beda jaccetta l-hlas tal-ammont ta` €25 fix-xahar li kienu jservu sabiex ikopru l-ispejjez ta` d-diesel li kien jinkorri ghall-qadi li kien jaghmel ghall-genituri.

Kif jirrizulta ampjament mill-provi, u fuq kollox mill-ammissjoni ta` l-attur stess, huwa ma nkorra l-ebda spejjez minn tieghu – ghajr ghall-ispejjez tal-fuel tal-karozza – propju ghaliex kull spiza tal-genituri thallset direttament mill-flus tal-genituri.

Ghar-rigward tal-viziti ghand it-tobba, il-Qorti tirrileva illi minkejja li kienet tinkombi fuq l-attur il-prova li ssostni t-talba tieghu ghall-hlas ghad-drabi li ha lill-genituri tieghu ghall-viziti medici, huwa naqas milli jaghmel dan.

Fl-istess waqt il-Qorti tosserva li bejn Gunju 2011 u Jannar 2012, ma kienx hemm miljorament fil-qaghda medika tal-genituri tal-attur, li allura kellhom bzonn ta` viziti medici.

Jidher illi fir-rigward tal-missier, fiz-zmien in kwistjoni, dan kien diga` *bedridden* u l-viziti medici kienu jsiru jew mit-tabib tal-familja fid-dar tal-abitazzjoni ta` Giorgio Magri stess, jew inkella li Giorgio Magri kien jigi rikoverat ghall-kura l-isptar.

Jirrizulta li l-attur kien jiehu hsieb il-gbir tar-ricetti medici u tal-medicinali fuq bazi mensili.

L-istess ghandu dwar il-fatt illi l-attur kien jorqod lejl iva u iehor le mal-genituri tieghu bil-qadi ta` bzonnijiet li kienu mehtiega.

Billi l-missier kien totalment dipendenti fuq l-ghajnuna, is-servizz li ppresta l-attur kien jinkludi wkoll assistenza fl-affarijiet l-iktar intimi bhall-hasil tal-persuna u l-bdil ta` l-hrieqi, kull x`hin ikun hekk mehtieg matul il-lejl.

Jirrizulta ppruvat illi l-attur kien kuntent bit-testment tal-missier fis-sens illi kien sodisfatt b`dak li kien kiseb b`wirt.

Fl-istess waqt jirrizulta wkoll illi l-attur ma kienx kuntent bit-testment ta` ommu. Tant huwa hekk illi wasal sabiex irrinunzja ghall-wirt taghha u jidher illi mexxa b`kawza fir-rigward ta` dak il-wirt.

Ghar-rigward tas-servigi prestati lil ommu, aktar `il quddiem, il-Qorti sejra tqis mhux biss il-fatt rilevat fil-paragrafu precedent, izda wkoll illi l-attur ghamel madwar sentejn qabel il-mewt ta` ommu ma jitkellimx ma` ommu.

Il-konvenuti Peter Magri u Miriam Sciberras it-tnejn jixhdu li l-attur ma kienx haqqu kumpens billi kien hu l-kawza tal-inkwiet bejn l-ahwa. Min-naha tieghu Angelo Magri ma jixhet l-ebda gebla lejn l-attur ; fl-istess waqt Angelo Magri jikkontendi li l-attur ma kienx haqqu kumpens, propju ghaliex dak li ghamel l-attur mal-genituri ghamlu hu wkoll.

Fil-kaz tas-servigi tal-omm, il-Qorti ghandha sitwazzjoni fejn min-naha wahda l-attur ipprova jikkonvinciha li ghandu jedd jithallas ghal servigi resi favur ommu, u fl-istess waqt, ighid illi ma marx igawdi lill-ommu waqt li kienet qeghda tiehu l-ahhar nifs tal-esistenza taghha sal-punt li lanqas mar ghall-funeral taghha !

**Ghamel x`ghamel l-attur, din il-Qorti tghid li l-kumpless tal-provi juri li l-attur *de proprio* ghandu jedd jirreklama kumpens ghal servigi li ghamel mal-genituri tieghu. L-istat tad-dritt u tal-gurisprudenza jaghtu sostenn lill-pretensjoni tal-attur.**

**Il-kwistjoni li jmiss tigi trattata hija l-likwidazzjoni tal-kumpens, ghaliex, tenut kont tal-premess, li jghodd fil-kaz tal-missier mhux necessarjament ighodd *mutatis mutandis* ghall-kaz tal-omm.**

**d) <u>Likwidazzjoni</u>**

Fin-nuqqas ta` ftehim espress dwar il-kumpens ghal servigi li ghandu jithallas (kif inhu l-kaz tal-lum), il-gurisprudenza tal-qrati taghna ndikat lista ta` fatturi li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjonii meta qorti tigi biex taghmel likwidazzjoni *arbitrio boni viri.*

Dawn il-fatturi jew linji gwida huma :-

1) il-frekwenza tas-servigi ;
2) il-grad ta` hila jew specjalizzazzjoni li jkunu esercitati fit-twettieq tas-servigi ;
3) il-kedda, l-inkonvenjent jew tbatija biex jinghataw is-servigi ;
4) il-mezzi tal-persuna li tibbenefika mill-prestazzjonijiet ;
5) il-parentela ta` min jippresta s-servigi mad-decujus ;
6) in-natura tal-prestazzjonijiet u cioe` jekk kienux ordinarji jew straordinarji ;
7) jekk il-servjent inkorriex spejjez li baqghu mhux rimborsati.

(ara d-decizjonijiet *inter alia* : "**<u>Micallef et vs Galea et</u>**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 28 ta` april 2011 ; "**<u>Schembri et vs Busuttil</u>**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 28 ta` Mejju 2003 ; "**<u>Brincat vs Aquilina noe et</u>**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 31 ta` Mejju 2002 ; "**<u>Vassallo vs Aquilina"</u>** – Prim`Awla tal-Qorti Civili - 29 ta` Gunju, 1982 ; "**<u>Cutajar vs Vella</u>**" – Prim Awla tal-Qorti Civili - 6 ta` April, 1982 ; u "**<u>Buhagiar vs Mifsud</u>**" – Prim Awla tal-Qorti Civili - 1 ta` Frar, 1983).

Minn ezami tal-gurisprudenza tal-qrati taghna, jidher illi in linea generali, il-kumpens ma jammontax ghal somom gholjin (minkejja l-aspettativi ta` l-persuni li jkunu pprestaw is-servigi) peress illi s-servigi kwazi dejjem jinghataw minhabba ragunijiet ta` parentela. Fl-istess waqt, il-qrati gharfu jaghmlu *dintinguo* dettat mill-fattispeci tal-kaz kif sar fil-kaz tad-decizjoni li tat din il-Qorti diversament presjeduta fil-11 ta` Dicembru 2003 fil-kawza `**<u>Catania pro et noe vs Agius</u>**` fejn kien rilevat :-

> *Dan qed jinghad ghax, bhala regola generali, il-kumpens moghti jkun, ftit jew wisq, imdaqqas meta l-*

> *beneficcjarja tkun marida jew mhux mobbli, b`mod li jkollha bzonn assistenza personali u kontinwa : ara kriterju f`dan is-sens li addottat din il-Qorti fil-kawza "**Zammit et vs Farrugia Sacco noe**" deciza fit-28 ta` Gunju, 1982.*

Ikompli jinghad illi fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fit-22 ta` Mejju 1989 fil-kawza `**Delicata vs Saliba**` kien affermat illi ghax id-dritt ghall-hlas ta` servigi huwa bbazat fuq kwazi-kuntratt mhux fuq kuntratt, il-likwidazzjoni tal-quantum mhijiex relatata biss mal-prestazzjoni *ut sic* izda trid titqies fil-kuntest ta` fatturi ohra, li ftit jew wisq, inaqqsu r-relazzjoni ekonomika. Ghalhekk il-metodologija tal-kalkolu tal-kumpens qatt ma tkun tekwivali b`mod aritmetiku il-valur tax-xoghol li jkun sar. Infatti fis-sentenza li tat fit-2 ta` Mejju 2016 fil-kawza `**Mizzi et vs Galea et**` il-Qorti tal-Appell, wara li qieset illi kienu prestati servigi estensivi minn zewg persuni b`mod kontinwu lil persuna li kienet *bed-ridden* akkordat l-ammont ta` €70 fil-gimgha ghal kull wahda miz-zewg persuni.

**Dan premess, din il-Qorti sejra zzomm quddiemha d-direzzjoni li harget mill-gurisprudenza u tapplikaha ghall-fatti u cirkostanzi tal-kaz tal-lum.**

L-attur qieghed jippretendi hlas ghas-servigi ghal li ghamel mal-genituri tieghu, **it-tnejn flimkien**, fis-sens illi mhux qed jifred il-prestazzjonijiet li ghamel lejn missieru minn dawk lejn ommu. Dan ifisser li l-attur qed jistenna li l-Qorti taghmel likwidazzjoni **wahda** li tkopri l-prestazzjonijiet liz-zewg genituri.

Kif diga` kellha okkazjoni tispecifika aktar kmieni, l-attur indika a) bid-drabi b) bis-sighat u c) bl-ammonti li ghalihom kien qed jippretendi hlas :

ghad-drabi li raqad mal-genituri tieghu ;
ghad-drabi li mar jigbor il-medicini ghal missieru ;
ghad-drabi li mar jigbor il-hrieqi ghal missieru ;
ghad-drabi li ha lill-genituri tieghu ghal viziti mit-tobba ;
ghad-drabi li ghen lil missieru fil-bzonnijiet personali tieghu.

Il-pretensjoni tal-attur tilqa` l-milja taghha fl-ammont ta` €15 ghal kull siegha fil-kaz tal-irqad u tinzel ghal €10 ghal kull siegha fil-kaz tal-prestazzjonijiet l-ohra.

**Din il-Qorti hija l-fehma li l-prestazzjonijiet ghandhom jittiehdu fl-**

**assjem, mhux jinqasmu f`bicciet ghaliex il-prestazzjoni hija wahda, u ghandha tikkomprendi kollox, ghaliex persuna m`ghandhiex tigi trattata biss bhala persuna fl-interezza taghha bil-bzonnijiet li jkollha fl-assjem taghhom.**

**Tenut kont tal-premess, il-Qorti sejra tiskarta l-hsieb adoperat mill-attur ghall-fini tal-komputazzjoni tieghu, u tmur ghal metodologija ta` kalkolu aktar ragjonevoli li taghmel gustizzja, kif ukoll li tkun konformi mad-direzzjoni li taw il-qrati taghna.**

**Ghall-fini tal-komputazzjoni taghha, din il-Qorti sejra tiehu kont *anke* tal-fatt illi l-Gvern ihallas €100 fil-gimgha bhala massimu meta persuni anzjani jimpjegaw *carer* tal-ghazla taghhom biex taqdihom fil-htigiiet taghhom ta` kuljum fl-iskema ta` *carer at home.* (ara l-website <u>www.activeageing.gov.mt</u>)**

**Wara li hadet kont ta` kollox, il-Qorti sejra tadotta l-figura (arrotondata) ta` <u>€3,300</u> bhala l-ammont l-aktar ragonevoli u gust li ghandu jithallas l-attur ghall-prestazzjonijiet tieghu. Ghall-fini ta` kalkolu tal-figura, ittiehed bhala massimu ghall-prestazzjonijiet kollha : durata ta` 228 jum ; u hlas ta` €100 fil-gimgha jew €5,200 fis-sena.**

**e) <u>L-imghax</u>**

Il-principju tad-dritt huwa *in illiquidis non fit mora.*

Taghmel riferenza ghas-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fit-30 ta` Gunju 2004 fil-kawza fl-ismijiet **`<u>Vivian Charmaine Mizzi vs Carmel Mizzi</u>`** fejn inghad hekk :-

> *Il-provvedimenti legali li jirregolaw din il-kwistjoni insibuhom fl-artikoli 1139 et sekwitur tal-Kodici Civili.*
>
> *L-Artikolu 1139 jiddisponi li "jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bhala oggett il-hlas ta` somma determinata, d-danni li jigu mid-dewmien ta` l-esekuzzjoni taghha jkunu jikkonsistu biss fl-imghaxijiet fuq is-somma li jkollha tinghata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena."*
>
> *L-Artikolu 1141 jiddisponi li :*

*(1) "Jekk l-obbligazzjoni tkun ta` xorta kummercjali jew jekk il-ligi tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew ighaddu ipso jure, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak in-nhar li lobbligazzjoni kellha tigi ezegwita."*

*(2) "F`kull kaz iehor, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak in-nhar illi ssir sejha ghall-hlas b`att gudizzjarju, ghalkemm fil-ftehim ikun gie stabbilit zmien ghall-esekuzzjoni ta` l-obbligazzjoni."*

*Minn dan jidher li imghaxijiet jistghu biss jigu komputati jew akkordati in linea ta` danni minhabba dewmien fl-esekuzzjoni ta` obbligazzjoni meta l-oggett ta` l-obbligazzjoni jkun hlas ta` somma determinata. Konsegwentement kontra debitu incert jew mhux likwidu ma jistghux jiddekorru imghaxijiet. Id-data meta dawn l-imghaxijiet jibdew jigu komputati u cioe` jekk minn meta jkun dovut l-ammont jew mid-data tas-sejha ghall-hlas b`att gudizzjarju, huwa determinat fl-artikoli fuq riprodotti, izda dejjem huwa rikjest li l-ammont ikun determinat.*

*Issa fil-kaz in ezami l-ammont dovut bhala manteniment gie biss determinat u likwidat fis-sentenza appellata u ghalhekk l-ewwel qorti ma setghetx takkorda mghax middata tal-presentata tac-citazzjoni billi f`dak il-mument lammont kien ghadu mhux determinat. Dan l-aggravju ghalhekk jidher gustifikat…"*

Fl-istess sens kienet id-decizjoni ta` din il-Qorti diversament ippreseduta tas-27 ta` Gunju 2003 fil-kawza fl-ismijiet **`Simon Spiteri vs Lawrence Farrugia`.**

**Fid-dawl ta` dawn l-insenjamenti, il-Qorti sejra tapplika l-principju ta` *in illiquidis non fit mora* u tordna li l-imghax jibda jiddekorri b`effett mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.**

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi dwar it-talbiet u dwar l-eccezzjonijiet billi : –**

**Tilqa` l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skont l-Art 2156(f) tal-Kap 16 hekk kif intavolata mill-konvenuti kollha limitatament u fit-termini kif fuq inghad.**

**Tilqa` l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti Peter u Mary konjugi Magri billi tillibera lill-konvenuta Mary Magri mill-osservanza tal-gudizzju.**

**Tilqa` l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-konvenuti kollha safejn dawn jolqtu lill-attrici Rita Magri. Ghalhekk tichad it-talbiet kollha tal-attrici Rita Magri.**

**Tichad l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-konvenuti safejn dawn jolqtu lill-attur Carmel sive` Carmelo Magri.**

**Tiddikjara illi l-attur Carmel sive` Carmelo Magri ppresta servigi lill-genituri tieghu ghaz-zmien mhux kolpit bil-preskrizzjoni kif fuq inghad, ghal liema servigi ghandu jithallas kumpens.**

**Tillikwida l-kumpens dovut bhala servigi lill-attur Carmel sive` Carmelo Magri fl-ammont ta` tlitt elef u tliet mitt Ewro (€3,300).**

**Tikkundanna lill-konvenuti kollha (hlief ghall-konvenuta Mary Magri) sabiex ihallsu lill-attur Carmel sive` Carmelo Magri l-ammont hekk likwidat bhala servigi kif fuq inghad bl-imghax legali b`effett mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.**

**Bl-applikazzjoni tal-Art 223(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta tordna li kull parti thallas l-ispejjez taghha.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**